# QIEGĦED INT TFITTEX IL-VERA KNISJA?

George Ebejer

Kull darba li ssir xi talba biex in-nies jesprimu l-fehma tagħhom fuq it-twemmin reliġjuż tan-nies illum, normalment din turi li numru tajjeb ta' nies *fir-realtà* ma huma membri ta' l-ebda knisja partikulari. Huma jistgħu jkunu qegħdin ifittxu jew iħarsu għall-knisja, imma l-biċċa l-kbira minnhom qegħdin fi stat ta' konfużjoni minħabba n-numru kbir ta' knejjes li huma jaraw madwarhom. Qiegħed int f'dak il-grupp ta' nies? Qiegħed int tipprova biex issib post fejn int tista taqdi lil Alla kif tassew Hu jrid u fl-istess ħin tħoss l-imħabba ta' Alla f'qalbek?

Forsi inti smajt dwar il-ktieb li jġib l-isem ta' "Handbook of Denominations." Dan il-ktieb għandu lista ta' madwar 239 denominazzjoni distinti fl-Istati Uniti biss. Il-problema hija li l-ħajja mhijiex twila biżżejjed biex iżur il-239 gruppi kollha. U fir-realtà dan il-ktieb ma jgħidx l-istorja kollha, għaliex ħafna minn dawn id-denominazzjonijiet għandhom qasmiet u diviżjonijiet, u spiss grupp wieħed lanqas saħansitra ma huwa fi sħubija ma grupp ieħor ta' l-istess denominazzjoni. Għalhekk in-numru 239 huwa tassew stima baxxa ħafna. Pubblikazzjoni oħra kienet ippubblikata f'Marzu 1980 fejn il-lista kienet turi aktar minn 1200 denominazzjoni differenti. Din kienet tinkludi l-knejjes Protestanti u Kattoliċi kollha imma kien fiha wkoll fergħat oħra li kienu ħarġu minn dawn il-knejjes. Imma kif jista' wieħed possibbilment imur f'dawk il-knejjes kollha u jiddeċiedi f'liema waħda hu se jattendi?

## DISGĦIN PERSUNA TGĦAMMDU

Pjuttost milli tiftaħ idejk f'disperazzjoni, jekk jogħġbok isma' din l-istorja li għenet ħafna nies li kienu qegħdin ifittxu l-vera knisja.

L-istorja teħodna lura fiż-żmien fejn 90 persuna kienu qegħdin ifittxu għall-verità dwar il-fidi Kristjana. Huma kienu ħerqana biex isiru jafu dak kollu li kienu jistgħu dwar il-Bibbja Mqaddsa, il-Kelma ispirata ta' Alla. Huma kienu semgħu dwar predikatur li kien se jagħmel żjara f'belt qrib tagħhom, għalhekk id-disgħin kollha marru jisimgħu lil dak il-perdikatur.

Il-predikatur uża Atti kapitlu tnejn bħala t-test tiegħu f'dik il-ġurnata, u bbażati fuq dak il-passaġġ, id-disgħin kollha obdew l-evanġelju billi mxew fuq il-kliem ta' l-appostlu Pietru:

> "*U Pietru qalilhom: Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Dawn id-disgħin individwu nidmu minn dnubiethom u kienu mgħammdin u b'hekk saru nies salvi.

Huma kollha marru lura d-dar ferħanin minħabba l-ħajja ġdida tagħhom fi Kristu. Imma lura fil-belt tagħhom, huma kellhom jgħażlu liema knisja kienu sejrin jattendu. Tletin minnhom issieħbu fil-Knisja Battista f'dik il-belt, it-tieni tletin fil-Knisja Kattolika, imma it-tletin l-oħra li kien baqa' ma kinux ċerti x'kienu sejrin jagħmlu. Liema knisja huma għandhom jattendu fiha?

Waqt li qiegħed taħseb dwar dik il-mistoqsija, jekk jogħġbok ikkonsidra passaġġ mit-Testment il-Ġdid li dawn it-tletin emmiena mgħammdin kienu qegħdin jistudjaw.

> **1 Korintin 1:12-13** – "*Irrid ngħid jien li kull wieħed minnkom qiegħed igħid, "Jiena ta' Pawlu", "U jiena ta' Apollo", "U jiena ta' Kefa", "U jiena ta' Kristu". Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew f'isem Pawlu tgħammidtu?*"

Dawn it-tletin emmiena mgħammdin studjaw dan il-passaġġ…u huma ddeċidew li ma jissieħbu ma' l-ebda denominazzjoni, imma li jibdew jiltaqgħu flimkien f'dik il-belt żgħira. Ta' liema knisja huma kienu membri tagħha?

## L-EWWEL DEĊIŻJONI MAĠĠURA: ISEM

Dawn it-tletin dixxipli ta' Kristu li kienu qegħdin jiltaqgħu flimkien kellhom jiddeċiedu fuq xi ħaġa li kienet importanti ħafna: x'kienu sejrin isejħu lilhom infushom?

Huma kienu jafu li ma setgħux isemmu lilhom infushom b'xi isem li mhuwiex Skritturali għaliex huma kienu qraw dwar l-ordni ta' Alla li tgħid:

> "*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu*" (Kolossin 3:17).

Huma ddeċidew li jfittxu fil-Bibbja bħala l-Kelma ta' Alla u jaraw x'kienu jsejħu lilhom nfushom id-dixxipli ta' l-ewwel seklu. Huma lkoll bdew jaqraw fit-Testment il-Ġdid, u ma damux sa ma sabu vers fil-ktieb ta' Atti u qrawh flimkien.

> **Atti 11:26** – "*…Kien f'Antjokja li d-dixxipli għal l-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'.*"

Huma komplew jaqraw fit-Testment il-Ġdid u sabu dan il-passaġġ:

> **Atti 26:28** – "*Imbagħad Agrippa qal lil Pawlu: "Ftit jonqsok biex tipperswadini u tagħmilni Kristjan.*"

Wara li komplew jaqraw huma reġgħu sabu dan l-isem imsemmi, jiġifieri, "Kristjan."

> **1 Pietru 4:16** – "*Imma jekk wieħed isofri għax hu Kristjan, m'għandux imniex jistħi; ħa jfaħħar lil Alla b'dan l-isem.*"

Dawn il-passaġġi solvewlhom il-problema dwar x'kienu huma sejrin isejħu lilhom infushom. Huma kienu sejrin jissejħu "Kristjani" *biss* u xejn aktar!

## IT-TIENI DEĊIŻJONI: X'KIENU HUMA SEJRIN JUŻAW BĦALA L-AWTORITÀ (KREDU) TAGĦHOM

Wara li dawn l-emmiena ddeċidew li jsejħu lilhom infushom *Kristjani*, id-deċiżjoni li kien imiss tagħhom kienet x'kienu huma sejrin jużaw bħala l-awtorità tagħhom. Fi kliem ieħor, meta huma kien ikollhom xi nuqqas ta' ftehim, kif dan kellu jiġi solvut? X'kienu huma sejrin igħallmu lit-tfal tagħhom meta huma jkunu jridu jitgħallmu dwar il-fidi Kristjana, u x'kienu huma sejrin jimmemorizzaw u jgħallmu lil oħrajn?

Dawn it-tletin Kristjan bdew jeżaminaw diversi tagħlim. Kien hemm id-Dixxiplina tal-Knisja Metodista u l-Ktieb tat-Talba Komuni tal-Knisja Episkopali. Kien hemm il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika Rumana kif ukoll il-Ktieb ta' Mormon tal-Knisja tal-Qaddisin ta' l-Aħħar Jiem. Kien hemm ukoll il-Katekiżmu Itwal ta' Luteru. Kien hemm ħafna kotba oħra ta' tagħlim ta' knejjes oħra.

Imma dawn il-Kristjani ftakru li l-ewwel deċiżjoni kbira tagħhom kienet magħmula billi jmorru lura għall-Bibbja Mqaddsa. Għalhekk huma ddeċidew għal darb'oħra li jmorru għall-Kelma ta' Alla u jfittxu għal tweġiba għall-mistoqsija tagħhom dwar il-kredu, l-awtorità. Membru wieħed beda jaqra fit-Testment il-Qadim u sab dan il-passaġġ:

> **Dewteronomju 4:2** – "*La żżidu xejn ma' dak li qiegħed nordnalkom u lanqas tnaqqsu minnu; qisu li tħarsu l-liġijiet tal-Mulej, Alla tagħkom, bħalma qiegħed nagħtihomlkom jien.*"

Membru ieħor sab din l-Iskrittura:

> **Proverbji 30:6** – "*Iżżid xejn ma' kliemu, għax hu jċanfrek u jgiddbek.*"

Kristjan ieħor fil-grupp sab dan il-passaġġ:

> **1 Korintin 4:6** – "*Dan kollu, ħuti, għedtu għalija u għal Apollo minħabba fikom, biex minna intom titgħallmu x'jiġifieri: "Mhux iktar milli hemm miktub", ħalli ħadd minnkom ma jintefaħ b'wieħed kontra l-ieħor.*"

Wieħed mill-grupp sab ukoll dan il-kliem:

> **Galatin 1:6-9** – "*Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħedtu minn min sejjħilkom fil-grazzja ta' Kristu u dortu lejn Evanġelju ieħor; mhux għax hemm xi Evanġelju ieħor, imma hemm xi wħud li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu. Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema jħabbrilkom Evanġelju ieħor li m'huwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut! Bħalma ġa għidnielkom, u ntenni ngħidilkom issa; jekk xi ħadd iħabbrilkom ħaġa oħra għajr dak li ġa rċevejtu, ikun misħut!*"

Ieħor qara dan il-passaġġ:

> **Ġuda 3** – "*Maħbubin, ħassejt ħerqa tassew kbira biex niktbilkom dwar is-salvazzjoni tagħna lkoll, għax rajt li kien meħtieġ nibagħtilkom kelmtejn ħalli nħeġġiġkom għal dik il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin.*"

Waqt li membru ieħor sab dan il-kliem:

> **2 Ġwanni 9-11** – "*Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan m'għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben. Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibilkomx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx għandkom u la ssellmulux, għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-għemejjel ħżiena tiegħu.*"

Fl-aħħar wieħed minnhom sab din it-twissija iebsa u tal-biża':

**Apokalissi 22:18, 19** – "***Jiena nwissi*** *lil kull min jisma' l-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb: Jekk xi ħadd iżid magħhom, Alla jixħet fuqu l-kastigi msemmijin f'dan il-ktieb; u jekk xi ħadd ineħħi xi kliem milli hawn fil-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu s-sehem li jmissu mis-siġra tal-Ħajja u mill-Belt il-qaddisa msemmijin f'dan il-ktieb.*" (Enfasi tiegħi.)

Dawn it-tletin Kristjan imbagħad kellhom idea kbira. Għaliex ma nużawx il-Bibbja *biss* bħala l-kredu tagħna? Għaliex ma nagħmlux il-Bibbja l-uniku ktieb ta' gwida tagħna? Jekk huma jkollhom xi nuqqas ta' ftehim fuq ħwejjeġ reliġjużi, huma jirranġawh billi jmorru għall-Iskrittura; u dak kollu li l-Bibbja tgħid, dak hu li huma għandhom jagħmlu fl-aħjar abbiltà tagħhom.

Dawn it-tletin emmiena mgħammda issa kienu għamlu żewġ deċiżjonijiet maġġuri: li jseħu lilhom infushom Kristjani biss u li jieħdu l-Bibbja bħala l-uniku kredu u gwida tagħhom.

## IT-TIELET DEĊIŻJONI: ORGANIZZAZZJONI

Kif dawn it-tletin Kristjan iltaqgħu flimkien, huma bdew jaraw il-bżonn biex jorganizzaw il-kongregazzjoni. Kien hemm ħafna sistemi minn fejn igħażlu minnhom. Xi gruppi reliġjużi kienu żviluppaw sinodi. Oħrajn kellhom sistema tad-djoċesi bil-membri maqsuma skond il-kontea u stati. Gruppi oħra kellhom konvenzjonijiet annwali f'liema ħin huma kienu jaħtru uffiċjali u regoli magħmula minnhom, skond il-voti tad-delegati. Grupp reliġjuż wieħed kbir kellu qassis fuq kull kongregazzjoni lokali; hu kien iwieġeb għal l-arċisqof reġujnali, li eventwalment kien iwieġeb għall-mexxej tad-dinja kollha tal-knisja li jissejjaħ papa.

Forma oħra ta' organizzazzjoni għall-knejjes u li hija popolari ħafna hija s-sistema li jkollok l-hekk imsejjaħ "pastor". Raġel kien magħżul biex ikun il-ministru għall-kongregazzjoni; hu kien mogħti t-titlu ta' "Reverend" jew "Father," u bażikament hu kien isir ir-ras tal-kongregazzjoni, ukoll għalkemm dawk it-titli huma ta' Alla *waħdu* (Salm 111:9; Mattew 23:9; Apokalissi 15:4).

Imma l-istess kif dawn il-Kristjani kienu wieġbu l-mistoqsijiet tagħhom fil-passat billi kienu jmorru għal l-Iskrittura, hekk ukoll issa huma ddeċidew li jmorru lura għall-Bibbja Mqaddsa biex jaraw jekk kienx hemm xi passaġġi li kienu jitkellmu dwar l-organizzazzjoni tal-knisja.

Huma sabu żewġ passaġġi fuq dan is-suġġett: L-Ewwel Timotju, kapitlu 3 u Titu, kapitlu 1. Tajjeb hawn li int taqrahom mill-Bibbja tiegħek. F'dawn il-passaġġi huma raw li l-kongregazzjoni lokali kellha jkollha isqfijiet (anzjani jew presbiteri kif huma msejħa wkoll fi Skritturi oħra bħal Atti 14:23; 15:6; 20:17; Filippin 1:1; Ġakbu 5:14; 1 Pietru 5:1) biex jassistu lil l-isqfijiet jew anzjani, irġiel magħrufa bħala djakni kienu appuntati wkoll (1 Timotju 3:8-13). Dawn it-tletin Kristjan kienu jistgħu jaraw li ma kellu jkun hemm ebda kontroll fuq il-kongregazzjoni lokali minn barra; kull kongregazzjoni kellha tiggverna lilha nfisha. Kien hemm awtonomija.

Imma min kellu jkun ir-ras tal-knisja? Xi ħadd ftakar li f'Efesin 1:22 Alla qal li Kristu kellu jkun ir-Ras tal-Knisja Tiegħu stess. Hawn il-Kelma ta' Alla tgħidilna hekk:

> **Efesin 1:22** – "*Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha.*" (Ara wkoll Kolossin 1:18.)

Għalhekk ma kellu jkun humm ebda mexxej tad-dinja fuq il-knisja, anzjani (isqfijiet, presbiteri) biss jindokraw kull kongregazzjoni, assistiti minn djakni u l-membri l-oħra.

Dawn in-nies għalhekk sejħu lilhom infushom biss Kristjani, ħadu biss il-Bibbja bħala l-kredu tagħhom, u organizzaw lilhom infushom b'anzjani u djakni, jagħrfu li Kristu kien l-uniku Ras tal-knisja.

## TA' LIEMA KNISJA KIENU MEMBRI DAWN IL-KRISTJANI

Dan iwassalna għall-iskop kollu ta' dan id-daqsxejn ta' ktieb li inti qed taqra. Huwa biex tistqasi mistoqsija waħda. "Ta' liema denominazz-joni kienu membri dawn il-Kristjani?" Ħalli nikkonsidraw xi mistoqsijiet relatati. Ta' liema denominazzjoni kien membru l-appostlu Pietru? Kien hu Presbiterjan? Kienu hu Kattoliku Ruman? Kien hu Xhieda ta' Jehovah? Kien hu Protestant? Xi ngħidu dwar l-appostlu Pawlu? Kien hu Pentekostali? Kien hu Mormon? U l-appostlu Ġwanni? Kien hu Luteran, jew Kattoliku Grieg? eċċ., eċċ. L-appostli żgur li ma kinux jifhmu dawn il-mistoqsijiet. Kien ikun bħallikieku qiegħed tistaqsihom jekk huma kinux tal-partit aħmar jew tal-blu. L-appostli kollha u l-Kristjani l-oħra fl-ewwel seklu ma kienu membri ta' ebda denominazzjoni, u huma kienu membri biss tal-knisja li l-Mulej tagħna Ġesù Kristu waqqaf.

Innota x'tgħid il-Bibbja fuq is-suġġett:

**Atti 8:3** – *"Sadattant Sawl kien qiegħed jagħmel ħerba mill-Knisja, kien jidħol minn dar għal oħra, jaqbad irġiel u nisa u jitfagħhom il-ħabs."*

Liema knisja kienet qed tkun ippersegwitata? Kienet din il-Knisja Kattolika Rumana? Il-Kristjani ta' l-ewwel seklu qatt ma kienu semgħu dwar il-Knisja Kattolika Rumana! Kienet din l-Organizzazzjoni msejħa Xhieda ta' Jehovah? Il-Kristjani ta' l-ewwel seklu żgur li qatt ma kienu semgħu dwar l-isem Jehovah għaliex dan kien mogħti għal l-ewwel darba fis-seklu 14! (Ara "The Kingdom Interlinear Translation of the Greek Scriptures" Foreword, p. 23). Kienet il-knisja xi waħda mill-1200 denominazzjoni differenti fid-dinja llum?

Il-verità hija li kien hemm biss knisja waħda fl-ewwel seklu—din kienet il-knisja ta' Kristu (Mattew 16:18; Rumani 16:16).

Xi ħadd forsi jgħid: "Tajjeb…qiegħed nara fejn inti sejjer, imma dak li int sejjer tgħidli huwa impossibbli—ma hemm l-ebda mod li aħna nistgħu mmorru lura u nkunu membri tal-knisja oriġinali li bena Kristu—huwa impossibbli." Għall-persuna bħal din aħna ngħidulha bl-imħabba: Ħabib, mhux biss huwa possibbli, imma aħna qegħdin nagħmluh dan! Hawn, f'Malta u f'ħafna pajjiżi oħra madwar id-dinja kollha inti tista' ssib dik l-istess knisja, il-knisja ta' Kristu!

## OĠĠEZZJONIJIET LI JQAJMU N-NIES

Imma xi wħud jibdew jipprotestaw u jagħmlu oġġezzjonijiet għall-ħsieb ta' li tkun biss membru tal-knisja ta' Kristu li kienet imwaqqfa fl-ewwel seklu.

L-ewwel oġġezzjoni hija din: "Kif inti taf li din hija eżattament l-istess knisja li Ġesù waqqaf fit-Testment il-Ġdid?

Aħna nistgħu nagħtu eżempju f'dan il-mod. Fil-kamra tiegħi jiena għandi l-ktieb ta' l-istruzzjonijiet li jiena rċevejt ma' sett taċ-ċess. Dan il-ktejjeb fih ir-regolamenti kollha biex tilgħab il-logħba taċ-ċess. Immaġina li xi ħadd qered l-iskakkieri u settijiet taċ-ċess kollha fid-dinja kollha, u immaġina li ħadd ma lagħab dik il-logħba għal elf sena. Tista' xi darba l-logħba taċ-ċess tkun miġjuba lura skond l-oriġinal? It-tweġiba hija iva—sakemm xi ħadd kellu kopja tal-ktejjeb tar-regolamenti. Il-ktejjeb ikun jista' jnħareġ, stampat mill-ġdid, tradott fl-ingwi kurrenti, u l-logħba tkun tista' tinġieb lura.

Fl-istess mod, aħna għandna l-Bibbja, il-Kelma ta' Alla. Minkejja ta' x'seta' ġara matul is-sekli li għaddew, sakemm aħna għandna l-"ktieb tar-regolamenti," allura l-knisja tal-Mulej tista' tkun miġjuba lura għall-oriġ-

inal tagħha. Aħna nimxu fuq il-Bibbja billi nsejħu lilna nfusna Kristjani, niddeċiedu li l-Bibbja tkun l-unika awtorità tagħna, norganizzaw il-kongregazzjonijiet tagħna skond il-mudell muri fl-Iskrittura, u aħna nsegwu l-Bibbja fuq il-punti l-oħra kollha bl-aħjar mod ta' l-abbiltà tagħna. Meta aħna nagħmlu dawn il-ħwejjeġ kollha, aħna nkunu biss il-ġisem ta' Kristu fil-postijiet diversi tagħna. Għal xi wħud, dan jista' jinstama' bħallikieku arroganti f'li ngħidu dan, imma l-kunfidenza tagħna fil-Bibbja tagħtina dan il-kuraġġ!

Hemm it-tieni oġġezzjoni li xi nies iqajmu: "Fejn kienet il-knisja ta' Kristu dawn is-sekli kollha? Għaliex jiena qiegħed issa nisma' dwar il-knisja ta' Kristu għal l-ewwel darba?"

Nibbażaw fuq dak li tgħid l-Iskrittura dwar il-knisja, aħna għandna nemmnu li Kristjani fidili xi mkien kellhom is-servizz ta' qima Skritturali kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Ħadd sa mill-Jum ta' Pentekoste (Atti 2) meta l-knisja kienet imwaqqfa.

Il-ħaġa eċċitanti hija li kull fejn Kristjani tal-knisja marru f'partijiet oħra tad-dinja huma sabu nies jiltaqgħu u jagħtu qima fl-istess mod kif aħna qegħdin nagħmlu hawn f'pajjiżna. F'xi pajjiżi hemm nies li ma kellhom assolutament ebda kuntatt ma xi moviment barra minn pajjiżhom biex iġib lura f'pajjiżhom il-Kristjaneżmu tat-Testment il-Ġdid. Huma kienu jsejħu lilhom infushom Kristjani biss, huma pprattikaw il-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet, u huma aduraw kif kienet tadura l-knisja ta' l-ewwel seklu. Huma ma kellhom ebda għarfien dwar il-knisja ta' Kristu f'xi pajjiż ieħor imma billi kellhom il-Bibbja bħala l-gwida tagħ-hom huma kienu l-istesss bħal dawk li kienu fl-ewwel seklu, jiġifieri, huma kienu Kristjani biss u ma kienu jagħmlu parti minn ebda denomi-nazzjoni. Għalhekk, aħna naraw, li huwa possibbli li tieħu biss il-Bibbja, timxi fuq it-tagħlim tagħha, u ssir Kristjan tat-Testment il-Ġdid.

Kull grupp li jagħmel dan ikun parti mill-knisja ta' Kristu li kienet imwaqqfa mill-Mulej Innifsu fl-ewwel seklu.

## LEZZJONI MIN TIFEL ĊKEJKEN

Int tista' tkun interessat li tisma' l-istorja ta' tifel ċkejken li kien qiegħed ilesti biex imur il-knisja darba waħda l-Ħadd fil-għodu. Il-ġenituri tat-tifel kienu maqsuma reliġjożament. Missieru mar f'denominazzjoni waħda waqt li ommu marret f'oħra. Minħabba f'hekk, il-ġenituri kellhom jagħmlu kompromess: it-tifel mar ma' missieru ġimgħa waħda u ma' ommu l-ġimgħa ta' wara. Fl-aħħar, Ħadd minnhom fil-għodu, it-tifel qal lill-ġenituri tiegħu, "Alla mhux dejjem jagħmel l-aħjar?" Huma t-tnejn wieġbu iva—Alla dejjem għamel kollox fl-aħjar mod possibbli. "Tajjeb,"

qal it-tifel, "għaliex Hu m'għamilx biss knisja waħda, biex b'hekk aħna nkunu nistgħu mmorru l-knisja flimkien?" X'tifel għaqli kien dak it-tifel!

Il-verità hija li Alla tabilħaqq għamel knisja waħda, dik il-knisja li inti tista' taqra dwarha fit-Testment il-Ġdid—u din hija l-knisja ta' Kristu. Aħna qegħdin inħeġġu lin-nies biex isiru membri ta' dik il-knisja waħda—il-knisja ta' Kristu. Aħna qegħdin inħeġġu lin-nies biex iħarsu lura matul is-sekli, qabel ir-Riforma, qabel iż-Żminijiet tan-Nofs, u saħansitra qabel iż-Żminijiet tad-Dlam. Aħna qegħdin inħeġġu lin-nies biex imorru t-triq kollha lura għall-ewwel seklu u jsiru membri tal-knisja li Kristjani kienu membri tagħha f'dak iż-żmien.

Aħna qegħdin inħeġġu lin-nies biex joħorġu barra mill-konfużjoni tad-denominazzjonijiet u jsiru parti tas-saltna eterna ta' Kristu. Aħna nħeġġuk biex taħseb bil-għaqal dwar dan il-konċett.

Agħmel kuntatt mal-knisja ta' Kristu fl-indirizz ta' taħt u ara kemm hija ħaġa ta' l-għaġeb li tarmi fil-ġenb it-tradizzjonjiet kollha tal-bnedmin u l-irbit kollu tad-dottrini tal-bnedmin u terġa' tieħu lura n-nifs nadif u safi tal-Kristjaneżmu tat-Testment il-Ġdid! Sib kemm huwa ta' l-għaġeb li ma tkunx membru ta' l-ebda denominazzjoni, imma tkun sempliċiment Kristjan, membru tal-knisja ta' Kristu l-Mulej tagħna!

Qiegħed int tfittex għall-knisja? Tixtieq int li ssir membru tal-ġisem ta' Kristu llum? Jekk iva, ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com

Tinsiex li:

"*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin.*" (Atti 5:29).

"*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 13:13, 14).